**21 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

John Giordimaina et.

*versus*

Giuseppe Agius

**Simulazzjoni — Prova — Retratt — Spejjeż Leġittimi — Senserija — Rigal — Art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-provi tas-simulazzjoni jistgħu jkunu diretti jew indizjarji. Jekk ikunu ndizjarji jeħtieġ li jkunu preċiżi, gravi u konkordanti; b'mod li l-provi ndizjarji ma jiswewx jekk ikunu ndebbolitl minn provi oħra jew indizji kuntrarji.*

*Il-liġi tiffissa d-dritt tas-senserija għal dawk il-każi biss fejn ma jkunx sar ftehim fuqha; jekk dan il-ftehim ikun sar, il-ħlas tas-senserija għandu jkun skond il-ftehim, u s-sensal għandu dritt jeżiġi l-ammont miftiehem, u mhux dak lilu dovut skond il-liġi; huwa għandu dritt għall-kumpens lilu promess u minnu aċċettat.*

*Somma mħallsa mix-xerrej ta' fond lil persuna oħra biex jakkwista l-fond tant jekk tissejjaħ senserija kemm jekk tissejjaħ rigal, hija kompriża fost l-ispejjeż leġittimi li r-retraent huwa obligat jirrifondi lir-retrattarju; basta li s-somma hekk imħallsa ma tkunx kapriċċuża, imma tkun meħtieġa għall-akkwist. B'mod illi, jekk l-akkwirent ta' fond ikun ħallas rigal, jew anki senserija superjuri għall-ammont dovut skond il-liġi, u dan ikun għamlu biex jakkwista l-fond, huwa għandu dritt għar-rifużjoni tal-ammont hekk imħallas minn għand ir-retraent, jekk il-fond jiġi rkuprat mill-poter tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi b'ċedola ta' retratt preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Mejju 1959 l-atturi rkupraw mill-poter tal-konvenut l-utili dominju għaż-żmien rimanenti ta' ċirka 30 sena ta' terz indiviż tal-fondi r-Rabat tal-Imdina, Old College Street numri 22, 23 u 24; illi kontestwalment mal-irkupru l-atturi ddepożitaw favur ir-retrattarju s-

somma ta' £661, prezz tal-vendita li tgħat lok għall-irkupru, oltre għall-interessi legali fuq l-istess prezz, billi r-retraenti ddikjaraw li ma kienux jafu xi spejjeż oħra leġittimi kien għamel ir-retrattarju fl-okkażjoni tal-vendita fuq imsemmija u rriżervaw li jiddepożitaw l-ammont ta' dawn l-ispejjeż fit-terminu legali; illi b'ittra tat-30 ta' Mejju 1959 ir-retrattarju nforma lill-atturi illi, oltre għall-£4 dritt tal-avukat tiegħu għall-konsult tar-rivendizzjoni, l-ispejjeż leġittimi minnu magħmula kienu jammontaw għal £73.6.0, liema somma tikkomprendi l-ammont ta' £50 pretiżi mħallsa bħala senserija lil ċertu Giuseppe Buhagiar (dok. A); Illi biex issir ir-rivendizzjoni favur tagħhom, u bi ftehim mal-istess konvenut, l-atturi ħallsu l-ammont fuq imsemmi ta' £73.6.0 taħt protesta, u bir-riżerva illi jipproċedu kontra l-konvenut għal kull ammont imħallas żejjed jew mhux minnhom dovut (dok. B); u peress illi l-imsemmija somma ta' £50, allegatament imħallsa bħala senserija lil Giuseppe Buhagiar, ma kienetx realment u ġenwinament imħallsa lilu, u lanqas ma kienet dovuta lilu, billi huwa ma kienx sensal fil-bejgħ in kwistjoni; illi s-sensal fl-operazzjoni kien bniedem ieħor; u peress ukoll illi, anki kieku dik is-somma tħallset lill-imsemmi Giuseppe Buhagiar, dan ma sarx b'titolu ta' senserija, iżda bħala rigal; u peress illi dak ir-rigal kellu biss jiġi msemmi fil-każ illi jiġi eżerċitat l-irkupru; u peress illi, fi kwalunkwe każ, ir-retraenti ma kienux obligati jirrifondu lir-retrattarju dik is-somma ta' £50; premessa senjatament id-dikjarazzjoni illi għar-raġunijiet fuq indikati l-konvenut ma kellux dritt jeżiġi minn għand l-atturi s-somma ta' £50 fuq indikata, talbu illi l-konvenut jiġi kundannat jirrifondi lill-atturi l-imsemmija somma ta' £50 minnhom imħallsa bi protesta u b'riżerva li jitolbu r-restituzzjoni tagħha; u dan peress illi l-istess somma ma kienetx, għar-raġunijiet imsemmija, dovuta lill-konvenut. Bl-interessi legali minn notifika taċ-ċitazzjoni; u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Illi l-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq li s-somma reklamata ma ġietx realment u ġenwinament imħallsa mill-konvenut lil Giuseppe Buhagiar, u fuq li, jekk tħallset ġiet lilu mogħtija mhux b'senserija, iżda bħala rigal;

Illi, rigward, is-simulazzjoni, ġie għas-sodisfazzjon tal-Qorti pruvat li l-ħlas tal-£50 lil Giuseppe Buhagiar sar quddiem in-Nutar Joseph Agius fil-ħin tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ; Buhagiar għaddhom u ffirma l-irċevuta lilu preparata mill-istess nutar (fol. 24); ġie pruvat ukoll illi l-£50 baqgħu għand Buhagiar, u ma kien hemm ebda ftehim li dan, f'xi żmien, jerġa jroddhom lill-konvenut. Ma jidherx li għandu mportanza l-fatt illi skond l-irċevuta Buhagiar iddikjara li dik is-somma kien qed jirċeviha bħala nofs is-senserija; għaliex hu rċeviha bħala senserija "konvenuta" bejnu u Giuseppe Agius (kif fil-fatt kien sar); u għaliex, kif spjega n-Nutar Agius fix-xhieda tiegħu, huwa kien qiegħed jalludi għas-senserija li ħallas Agius, u ma kienx jaf jekk kienx hemm ftehim mal-vendituri dwar il-ħlas ta' dik is-senserija (fol. 29);

Illi hu ormaj magħruf li l-provi tas-simulazzjoni jistgħu jkunu diretti u ndizjarji; u f'dan l-aħħar każ (bħal ma hu l-każ taħt eżami) il-provi jridu jkunu preċiżi, gravi u konkordanti, b'mod li l-indizji ma jiswewx jekk ikunu ndebboliti minn provi jew indizji kuntrarji (Kollez. XXXVII-I-259). Issa, iċ-ċirkustanzi addotti mill-atturi biex jissostanzjaw l-allegata simulazzjoni, barra milli ma jirrivestux il-karattri fuq enunċjati, jinsabu kontraddetti minn provi oħra ċari u univoċi miġjuba mill-konvenut; u għalhekk il-pretiża simulazzjoni ma tistgħax tiġi milqugħa;

Illi, kwantu għat-tieni, motiv, jiġifieri li si tratta mhux ta' senserija, imma ta' rigal veru u propriju, għandu jiġi osservat illi s-sensal tal-operazzjoni, għad li realment ma kienx, fil-fatt ġie kunsidrat l-attur Giuseppe Gauci, u lilu ġiet imħallas s-senserija kollha; iżda dan ma jġibx għall-konsegwenza li Giuseppe Buhagiar ma pprestax ruħu biex jgħaqqad lill-kontraenti u jġiegħlhom jifthemu; u b'hekk huwa għamel xogħol ta' sensal. Diversa hija, però, ir-responsabbiltà għall-ħlas tal-kumpens lilu dovut; għaliex, ladarba huwa kien ġie mqabbad mill-konvenut biss, u l-venditriċi ma kienetx taf bih, ir-responsabbiltà kienet unikament ta' min qabbdu u ftiehem miegħu dwar dak il-kumpens (Kollez. XXXI-II-64). Ma jiswiex illi l-kumpens kien jissupera bil-bosta dak indikat mill-liġi; għaliex, kif osservat din il-Qorti fil-kawża "Depiro vs. Muscat", deċiża fit-18

ta' Novembru 1935, ċitata mill-atturi fin-nota tagħhom fol. 54, il-liġi tiffissa d-dritt tas-senserija biss għal dawk il-każi li ma jkunx sar ftehim fuqha; u għalhekk l-argument li wieħed gandu jiddeduċi minn dik id-dispożizzjoni huwa li meta hemm ftehim fuq dan id-dritt, il-ħlas għandu jsir skond il-ftehim, u s-sensal għandu dritt jippretendi l-kumpens lilu promess u minnu aċċettat (Kollez. XXIX-II-769);

Illi, jekk "ex hypothesi" l-ammont "de quo" kellu jiġi kunsidrat bħala rigal, għandu jiġi eżaminat jekk jikkostitwixxix spiża leġittima magħmula mix-xerrej fil-bejgħ in kwistjoni fis-sens tal-art. 1493 (Kod. Ċiv.). F'dan ir-rigward huwa mportanti l-insenjament ta' Pothier:— "Egli (i.e. il retraente) è obbligato a indennizzario (i.e. il compratore) in genere di tutte le spese legittime dell'acquisto, vale a dire di tutto ciò che è stato obbligato di sborsare per le spese di esso. Non chiamansi spese dell'acquisto che quelle di cui l'acquisto è stato la causa prossima e immediata, e che sono state fatte per 'pervenirer'. U aktar il-quddiem l-istess awtur jikkonkludi:— "Se il compratore, per pura liberalità . . . . . avesse fatto, donativi . . . . non potrebbe pretendere il rimborso, perchè in tale caso non sono spese legittime, secondo la definizione da noi datane, poichè egli poteva esimersi dal farlo" (Dei Retratti, §§309 u 312). Dan huwa wkoll l-insenjament ta' Corradino:— "Quod expenditur non repetitur ab emptore si non fuerit necessarium . . . . si enim sponte solvisset emptor, utique solutum nullo modo esset ripetibile" (De Jure Praelationis, Quaest, V, §§63 u 64);

Illi, fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament, għandha ssir l-indaġini jekk l-ammont "de quo" ġiex mill-konvenut imħallas biex jasal għax-xiri tal-fond jew biex jagħti rigal mingħajr bżonn lil Giuseppe Buhagiar. Issa kif irriżulta mill-provi, xi sena qabel il-bejgħ il-konvenut, per mezz tal-attur Giuseppe Gauci, kien sejjer jakkwista l-istess fond. George Vella, għall-martu, kien talbu £700, iżda hu wasal sa £600; u n-negozju ma sarx. Apparentement il-konvenut baqa' bl-idea li jixtri l-fond, u Buhagiar talbu £50 jekk jir-

rangaħ ma' Vella. Għall-ewwel il-konvenut ma riedx, u ppropona li jagħtieh dak li jiffrankalu mill-prezz; iżda Buhagiar insista għall-£50; u meta qallu li Vella mingħajru l-post ma jbiegħhulux, il-konvenut aċċetta (fol. 46). Allura marru t-tnejn għand Vella, u dan iddikjara li kien pront ibiegħ lill-konvenut, imma bil-prezz li kien talbu qabel (fol. 45). Reġgħu marru darbtejn oħra għand Vella; il-konvenut talbu riduzzjoni ta' £50, iżda Vella ma aċċettax (fol. 45). Buhagiar allura ppropona li jaqsmu d-differenza, u qal "Senserija ma rridx, u jekk isir in-negozju nħallas ix-xorb". U fuq din il-proposta l-partijiet ftehmu fuq £661;

Min dan jidher illi x-xogħol ta' Buhagiar kien meħtieġ, u mingħajru bħal ma qal hu, in-negozju ma kienx isir. Jidher ukoll illi l-konvenut, qabel ftiehem, iġġebbed ma' Buhagiar, u wera illi l-ammont ippromettihulu għax kien persważ li mingħajr l-intromissjoni ta' Buhagiar ma kienx jasal biex jixtri, kif del resto ma kienx wasal qabel. Di pjù, per mezz ta' Buhagiar il-konvenut iffranka £39 fuq il-prezz pretiż minn Vella fl-ewwel okkażjoni;

Illi għalhekk, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-ispiża "de qua" kienet neċessarja biex il-bejgħ isir; u kwindi hija spiża leġittima għall-finijiet tar-rimbors preskritt mill-liġi;

Għal dawn il-motivi;
Tiċħad it-talba tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.